MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1042/2006

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J. BORG
VS
KEVIN PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Kevin Pace ta’ 34 sena, iben Spiridione u Rita nee’ Grima, imwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Mejju 1972, residenti 11 Triq il-Qawsalla, Msida u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 267572(M).

Illi huwa akkuzat:

a) Talli nhar l-14 ta’ Gunju 2006 ghall-habta ta’ l-4:00p.m. fi Triq l-Isqof Caruana Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ PS 358 Malcolm Bondin, PC 1315 Jeffrey Abela, Chris D’Amato, Kenneth D’Amato u Angelo D’Amato f’perikolu car, izda bil-hsieb li

jikkommetti hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-kwerelanti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu. (skond l-Artikoli 41(1) a, 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 358 Malcolm Bondin u PC 1315 Jeffrey Abela, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li keinu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. (skond l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) Aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna feriti ta' naturi hfief fuq il-persuni ta' PC 1315 Jeffrey Abela, Chris D'Amato u Kenneth D'Amato. (skond l-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura ta' l-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni HAU524 b'mod traskurat u negligenti. (skond l-Artikolu 15 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta);

e) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura ta' l-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni HAU524 b'manjiera perikoluza u bi speed eccessiv. (skond l-Artikolu 15 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta);

f) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded lil Chris D'Amato, Kenneth D'Amato u Angelo D'Amato bi kliem;

g) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuni ta' Chris D'Amato, Kenneth D'Amato u Angelo D'Amato;

h) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulenta lil Chris D'Amato, Kenneth D'Amato u Angelo D'Amato;

i) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen fil-pubbliku;

j) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Ghaldaqstant il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Artikolu 383 tal-Kap.9 ghas-sigurta' tal-vittmi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond J. Borg jirrizulta li giet irraportata glieda f'Haz-Zebbug fid-data citata fic-citazzjoni. Issa fuq il-post diga' kien hemm stazzjonati zewg Pulizija u cioe PS Malcolm Bondin u PC 1315 Jeffrey Abela u dan il-ghaliex il-konjugi Maria Vella (mizzewga D'Amato) u Chris D'Amato kienu ftehmu fuq qsim ta' l-assi matrimonjali u Maria Vella (mizzewga D'Amato) kellha tigi konsenjata s-sehem taghha u ghalhekk intalbet l-assistenza tal-Pulizija.

Illi waqt din il-konsenja, nqala argument bejn missier Maria Vella (mizzewga D'Amato) (cioe Joseph Vella) u Chris D'Amato fuq il-konsenja tas-saqqu – bhala parti mill-kamra tas-sodda li messet lil Maria.

PC 1315 u PS 385 ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, pero' spiccaw jiggieldu Maria Vella (mizzewga D'Amato) u Chris D'Amato u kienu nizlu wkoll il-familjari ta' Chris D'Amato, Kenneth u Angelo D'Amato.

Fuq il-post gie l-imputat li huwa l-*partner* ta' Maria Vella (mizzewga D'Amato) bil-karozza u l-glieda ghaqdet bil-Pulizija jaghmlu hilithom sabiex jferrqu.

F'mument minnhom l-imputat dahal fil-karozza tieghu li saq b'velocita' kbira ghad-direzzjoni tal-familjari D'Amato. L-imputat waqqaf il-karozza u PC 1315 u PS 385 ipprovaw izommuh halli jkellmuh. Pero' l-imputat qabad il-karozza u telaq. F'dan l-incident PC 1315 Jeffrey Abela sofra feriti ta' natura hafifa u cioe' girfa fuq idejh.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat informa lill-Pulizija illi kien hu li talab ghall-assistenza tal-Pulizija ghal *partner* tieghu Maria Vella (mizzewga D'Amato) u gie nfurmat li kien ser ikun hemm zewg Pulizija fuq il-post. Illi ghalhekk kien iddecieda li joqghod kantuniera 'il boghod sabiex ma jinqalax inkwiet.

Huwa stqarr illi kif mar fuq il-post sab rebus shieh bi Chris D'Amato, huh u missier Chris qeghdin jigru ghal fuq Maria u l-genituri anzjani taghha, sabiex ihebbu ghalihom. Dak il-hin l-imputat mar jiddefendi lil Maria u l-genituri taghha. X'hin intebhu bl-imputat, il-familja ta' Chris D'Amato daru ghalih u qabdu jatuh.

Meta rnexxielu jizgicca minn taht idejhom, l-imputat dahal fil-karozza tieghu sabiex jitlaq minn fuq il-post, izda ra lil Chris D'Amato jsawwat lil Maria u qabad il-karozza u saq 'il fuq minnhom u cempel lil Maria. Dak il-hin marru fuqu l-Pulizija u qalulu biex jibqa' fejn kien. Huwa baqa jistenna fil-karozza halli jigbor lil Maria izda din qaltlu li kkwieta kollox u ghalhekk telaq minn fuq il-post.

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa certifikat mediku ta' PC 1315 dwar griehi ta' natura hafifa.

L-istqarrija giet ezebita bhala Dok.JB li tinstab fol.14 et. seq.

L-imputat stqarr illi meta mar jiddewwa l-isptar, kienu zammewh hemm minhabba l-griehi li garrab.

WPC 101 R. Grima kkonfermat l-istqarrija Dok. JB (ara fol.18)

PC 358 Bondin ikkonferma x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur (ara fol.20 et seq.) u kkonferma li nqalghet glieda dwar is-saqqu u li qam argument shun bejn Chris, Kenneth u missierhom, Angelo D'Amato ma' Maria tant li l-Pulizija ma setghux jlahhqu maghhom u anke gew fl-idejn.

F'dan il-hin tfacca Kevin Pace u "dahal fil-glieda."

**PC 1315 jikkonferma (a fol.23) li l-imputat ma ggilidtx mieghu. PC 1315 xehed li ma jemminx li l-imputat saq biex jipprova jtajru.**

PC 1315 ikkonferma illi Maria Vella (mizzewga D'Amato) u l-genituri taghha **qatt ma pprovaw jidhlu fir-residenza ta' Chris D'Amato**. Kienu l-familja ta' D'Amato **li hargu ghalihom**. Xehed **ukoll li l-imputat f'ebda hin ma kellem hazin lil Pulizija.**

PC 1315 ikkonferma x-xhieda ta' PS 358.

**PC 1315 xehed li huwa sofra griehi ta' natura hafifa meta interviena sabiex ifferraq.**

Mistoqsi jekk qabel ma wasal l-imputat fuq ix-xena, Maria kienet qalet daqqa ta' ponn f'wiccha. PC 1315 xehed:

***"Ma niftakarx ghax kien hemm hafna tixjir ta' saqajn u idejn."*** (fol.32)

PC 1315 ikkonferma wkoll (a fol.33) li **qabel** ma tfacca l-imputat, il-familja ta' Chris D'Amato kienu ggaraw tlett (3) gebliet (daqs bajda) fid-direzzjoni ta' Maria hu l-genituri taghha.

Chris D'Amato u l-familja tieghu xehedu illi waqt il-garr ta' l-ghamara, Maria ghajret lil huh u stednithom ghal glied u huma nizlu. Li sa kemm wasal l-imputat, kienu biss qed jargumentaw bil-kliem.

Illi D'Amato jichad li l-ewwel daqqa taha hu, jghid li ma ra lil hadd jghati l-ewwel daqqa (fol. 40) imbaghad fl-istess nifs, jghid li kienet l-ex mara tieghu, li tat l-ewwel daqqa

mbaghad jghid li kienet il-kunjata. Infatti bl-istess manjiera Chris D’Amato jghid li ebda gebla ma giet garata u fl-istess nifs jghid li dawn kienu ntefghu fid-direzzjoni tieghu. (fol.43)

Mistoqsi jekk tax daqqa ta’ ponn f’wicc Maria, Chris D’Amato jghid li hu ghamel kollox f’legittima difeza. (fol. 45)

Spettur Jesmond Borg ezebixxa zewg sentenzi Dok.JBZ (a fol.50) u Dok.JBZ1 (a fol.52 et. seq.)

Chris D’Amato, riprodott (a fol.54 et. seq.), li meta huma tressqu l-Qorti, il-Partijiet hafru lil xulxin. Kenneth u Angelo D’Amato kkorroboraw il-verzjoni ta’ Chris D’Amato (ara fol.56)

Dr. Eric Scerri (a fol.77) ikkonferma li l-griehi fuq Chris u Kenneth D’Amato kienu grif fuq l-ispallejn u l-minkbejn – kklassifika l-griehi bhala dawk ta’ natura hafifa. (Dok.ES u Dok.ES1)

Dr. Joseph Galea (fol.82), xehed illi l-imputat kellu griehi f’rasu, konsistenti f’nefha u grif, u grief fuq irkupptejh, minkbejh u fuq il-polz tax-xellug. Xehed li l-imputat kien irritorna wara xi sieghat jilmenta minn ugiegh kbir f’rasu u ghalhekk baghtuh jiehu X-Ray. Ikkonferma c-certifikati Dok.JG, Dok. JG1 (a fol.91)

Maria Vella (mizzewga D’Amato) (a fol.95 et. seq) xehedet illi in segwitu tas-separazzjoni personali bejna u bejn ir-ragel taghha Chris D’Amato, kienet marret tigbor is-sehem taghha u ghal dan il-ghan kienet talbet u akkwistat l-assistenza tal-Pulizija.

Illi gara li zewgha Chris, ma riedtx jikkonsenjalha s-saqqu tal-kamra tas-sodda u beda jghajjar lil missierha flimkien ma’ huh Kenneth.

Maria xehedet (fol.97) li fil-pront nizlu ghalihom Chris u Kenneth D’Amato u missierhom Angelo.

Chris xejjer daqqa ta’ ponn lil missierha, u ommha kienet pronta tigbdu lura waqt li Kenneth ggara gebla, daqs hobza tal-Malti, qabel ma nizel. Ikkonfermat li kienet batghet *sms* lill-imputat sabiex jgibilha *panadols* u ilma u kif wara, l-familja D’Amato daru ghalih. Imbaghad irnexxielu jisgicca u mar fil-karozza. Ra lil Chris D’Amato jsawwatha, kellmuh il-Pulizija u baqa sejjer. Maria Vella (mizzewga D’Amato) ezebiet Dok.MV1-7 (ritratti tal-griehi li garrbu fl-incident).

Spettur Jesmond Borg ezebixxa Dok.MV8, l-istqarrija ta’ Maria Vella (mizzewga D’Amato).

Doris Vella (fol.111 sa 119) u Joseph Vella (fol. 120 sa 125) ikkonfermaw ix-xhieda ta’ Maria Vella (mizzewga D’Amato).

Ikkonsidrat:

Preliminarjament, il-Qorti sejra biex tikkonsidra l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni dwar l-akkuzi ‘f’, ‘g’, ‘h’, ‘i’ u ‘j’, akkuzi ta’ natura kontravenzjonali.

Ix-xhieda prodotta f’dan il-kaz, inkluz id-data fic-citazzjoni, tillustra li l-kwerela meritu tac-citazzjoni ggib id-data ta’ l-14 ta’ Gunju 2006.

Illi l-akkuza di qua, giet pprezentata fit-3 ta’ Ottubru 2006.

Il-prosekuzzjoni, minn naha taghha, ma ezebiet ebda riferta sabiex b’xi mod tipprova li t-terminu tremestrali stabbilit mill-Ligi gie b’xi mod interrott.

Illi ghaldaqstant l-akkuzi ‘f’, ‘g’, ‘h’, ‘i’, u ‘j’ huma preskritti.

Ikkonsidrat:

Illi fil-meritu, din il-Qorti tibda biex tippreciza illi Maria Vella (mizzewga D’Amato) kienet qeghdha tezegwixxi d-drittijiet taghha in sewgwitu ta’ separazzjoni personali bejna u

zewgha u ghal dan il-ghan, kienet talbet u **akkwistat** l-assistenza u l-protezzjoni tal-Pulizija, u dana sabiex tkun tista' tiehu s-sehem taghha tal-komunjoni ta' l-akkwisti bil-kwiet.

Illi l-Qorti, mill-assiem tal-provi prodotti, tifhem illi l-incident gie mqanqal mill-familja D'Amato li agixxew b'ferocizmu u deheru li kienu preparati ghal glied. In fatti, fuq pretiza ta' saqqu – parti mis-sett ta' kamra tas-sodda assenjata lil Maria Vella (mizzewga D'Amato), nizlu l-familja D'Amato – tlett (3) irgiel sabiex jhebbu ghal mara u l-genituri anzjani ta' Maria Vella (mizzewga D'Amato) b'mod u manjiera li ghelbu z-zewg pulizjotti, li kienu qed jaghqdu dmirijiethom precizament sabiex il-konsenja ta' l-ghamara ssir bil-galbu u bil-kwiet.

Sa dan il-mument il-familja ta' Maria Vella (mizzewga D'Amato) kienu fit-triq u f'ebda hin ma pprovaw jidhlu fil-parapett jew fil-propjeta' ta' D'Amato. Dan jikkonceduh, albeit b'riluttanza kbira l-membri kollha tal-familja D'Amato.

Illi jrid jinghad li qabel ma nizlu ghal glied, il-famija D'Amato, Kenneth D'Amato kien gia ggara gebel imdaqqas fid-direzzjoni tal-familja Vella.

Illi kien f'dan il-mument li tfacca l-imputat, li gera lejn il-familja Vella biex jiddefendi l-*partner* tieghu u l-genituri taghha. Dan spicca meghlub minn tlett (3) irgiel li nfexxu fih tant li spicca ma' l-art bi tlett (3) irgiel jsawtuh.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi dan huwa il-kaz klassiku ta' legittima difeza u kif jghidu stess il-Pulizija, xhieda f'dan il-kaz, hu abbastanza car illi meta zgicca l-imputat minn taht l-attakki tat-tlett (3) irgiel u dahal fil-karozza u saq ghad-direzzjoni tal-membri tal-familja D'Amato, **l-imputat kien qed jaghmel dan sabiex jbezzaghhom u jwaqqafhom milli jkomplu jattakkaw lil Maria Vella (mizzewga D'Amato) u l-genituri taghha.** Ghal dawk il-motivi zgur li ma tissussistix l-ewwel akkuza ghal raguni ta' legittima difesa ta' l-imputat propju u dik lejn terzi.

Illi ghal rigward tat-tieni u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, jirrizulta mix-xhieda tal-Pulizija stess li l-imputat b'ebda mod ma offenda, insulta jew kellem hazin lil Pulizija. Aktar minn hekk ma jirrizultax ipprovat kif jew min ikkawza il-griehi fuq PC 1315.

Illi ghal rigward  akkuzi ta' sewqan negligenti u dik ta' sewqan b'mod perikoluz, jirrizulta mill-provi, b'mod specjali mill-istqarrija ta' l-imputat, a tempo vergine, l-intenzjoni ewlenija ta' l-imputat meta saq bil-manjiera li saq, u cioe fl-isfond ta' falliment totali ta' protezzjoni ta' Maria Vella (mizzewga D'Amato) u l-genituri taghha, da parti mill-Pulizija, saq karozza fid-direzzjoni ta' D'Amato sabiex jbezzaghhom u jisvijohom milli jkomplu jattakkaw lil Vella u l-genituri taghha.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Kevin Pace, mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------